# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 456/23/1**

**Dr Jonathan Thompson fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Strabag SE**

**v.**

**Suhail M.A. Altreki fil-kwalità tiegħu ta' Chargés d'Affaires a.i. tal-Istat tal-Libja ġewwa Malta għall-Istat tal-Libja**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Suhail M.A. Altreki *nomine* minn deċiżjoni mogħtija miċ-*Chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta nhar l-4 ta' Settembru, 2023, fejn dan laqa' t-talba tal-attur *nomine* u ordna r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni fl-ismijiet ***Strabag SE***

***v. Libya*** mogħtija miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Arranġament ta' Tilwimiet fuq l-Investiment (ICSID) fid-29 ta' Ġunju, 2020.

**Daħla**

2. B'avviż ippreżentat għand ir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fis-6 ta' Jannar, 2023, l-attur *nomine* fisser li fid-29 ta' Ġunju, 2020, il-kumpanija attriċi, Strabag SE, kisbet deċiżjoni kontra l-Istat tal-Libja miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Arranġament ta' Tilwimiet fuq l-Investiment (ICSID). Filwaqt li għamel referenza għal numru ta' konvenzjonijiet, l-attur *nomine* tenna li biex din id-deċiżjoni tkun rikonoxxuta u eżegwita hawn Malta, huwa kien jeħtieġlu jniedi din il-proċedura. Għalhekk huwa talab liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta biex jirreġistra din id-deċiżjoni daqslikieku din ingħatat f'Malta skont ir-**Regolamenti 53** sa **57 tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)**.

3. Fit-23 ta' Jannar, 2023 ir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta bagħat dan l-avviż permezz tal-posta reġistrata kemm lill-Ambaxxatur tal-Libja f'Malta, Saadun Suayeh, u kif ukoll lill-Avukat Shaheryar Ghaznavi.

4. L-Avukat Shaheryar Ghaznavi rċieva dan l-avviż fil-25 ta' Jannar,

2023 (ara l-irċevuta ffirmata fil-25 ta' Jannar, 2023 f'paġna 88A tal-atti tal-kawża). B'ittra tal-31 ta' Jannar, 2023, huwa bagħat jgħarraf lir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta li huwa ma kienx tqabbad mill-Istat tal-Libja biex jerfa' l-irwol ta' rappreżentant tiegħu f'din il-proċedura u għalhekk deherlu li kellu jibgħat lura l-avviż lill-istess Reġistratur skont ir-**Regolament 55 tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)**.

5. Fit-22 ta' Frar, 2023, l-Ambaxxatur Saadun Suayeh ġabar l-avviż tal-attur *nomine* li ntbagħat bil-posta reġistrata (ara l-ittra elettronika mibgħuta mir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta f'paġna 82 tal-atti tal-kawża u d-dokument maħruġ mill-paġna elettronika ta' Maltapost f'paġna 83 tal-atti tal-kawża). Madankollu, l-Istat tal-Libja ma ressaq ebda tweġiba bil-miktub għal dak li kien qiegħed jintalab fl-avviż. Għalhekk, b'ittra tad-19 ta' Mejju, 2023, ir-Reġistratur talbet liċ-*Chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta sabiex jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu.

6. Minkejja dan, minn qari tal-atti jidher li d-deċiżjoni taċ-*Chairman* inżammet pendenti minħabba li r-Reġistratur kienet ġiet mgħarrfa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ li n-notifika ta' atti ġudizzjarji lil ambaxxata ta' stat barrani jeħtiġilha ssir permezz ta' *note verbale* mibgħuta mill-Ministeru lil dik l-ambaxxata (ara l-korrispondenzi

elettroniċi misjuba f'paġni 76 sa 78 tal-atti tal-kawża u l-ittra mibgħuta mir-Reġistratur liċ-*Chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta tad-19 ta' Ġunju, 2023 f'paġna 73 tal-atti tal-kawża).

7. Kemm hu hekk, fid-19 ta' Ġunju, 2023, ir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta talbet lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ sabiex jinnotifika l-avviż tal-attur *nomine* lill-Ambaxxata Libjana f'Malta permezz ta' *note verbale* (ara l-ittra li tinsab f'paġna 74 tal-atti tal-kawża). In-*note verbale* jidher li ntbagħtet fl-istess jum, tant li n-notifika tal-avviż intlaqgħet minn Lucienne Bonnici f'isem l-Ambaxxata Libjana f'Malta (ara l-irċevuta ffirmata minn Lucienne Bonnici f'paġna 71 tal-atti tal-kawża u l-ittra elettronika mibgħuta mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ f'paġna 72 tal-atti tal-kawża).

8. L-istat Libjan ma daħħal ebda tweġiba fiż-żmien mogħti lilu fir-**Regolament 55(1) tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)** biex jgħid jekk hemmx raġunijiet jew le għala r-Reġistratur ma għandux imexxi bir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija kontrih miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Arranġament ta' Tilwimiet fuq l-Investiment.

9. B'hekk, fl-4 ta' Settembru, 2023, iċ-*Chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta għadda għad-deċiżjoni tiegħu, fejn laqa' t-talba tal-

attur *nomine* għar-reġistrazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. Id-deċiżjoni taċ-*Chairman* intbagħtet lill-Ambaxxata Libjana f'Malta bl-istess proċedura tan-*note verbale* fis-6 ta' Settemru, 2023, u n-notifika tagħha ntlaqgħet minn Khaled Taroum f'isem l-istess Ambaxxata fis-7 ta' Settembru, 2023 (ara l-ittra elettronika f'paġna 28 tal-atti tal-kawża u l-irċevuta f'paġna 29 tal-atti tal-kawża).

10. Fit-22 ta' Settembru, 2023, Suhail M.A. Altreki, fil-kwalità tiegħu ta' *Chargés d'Affaires* tal-Istat tal-Libja ġewwa Malta, appella minn din id-deċiżjoni u talab it-tħassir tagħha, bl-aggravji tiegħu jkunu: (i) li n-notifika tal-avviż tal-attur *nomine* lill-Istat tal-Libja ma kinitx valida għaliex meta saret, Saadun Suayeh ma kienx għadu jservi bħala Ambaxxatur tal-Libja ġewwa Malta; u (ii) li l-proċeduri fl-ewwel istanza tmexxew b'mod irregolari għaliex fin-nuqqas ta' Saadun Suayeh, li jippreżenta tweġiba fiż-żmien mogħti lilu, dan ma setax jitqies li huwa rappreżentant tal-Istat tal-Libja u għalhekk kien jixraq li jinħatar kuratur *ad litem* sabiex jirrappreżenta lill-Istat tal-Libja f'dawn il-proċeduri skont ir-**Regolament 55(4) tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)**.

11. Fl-istess jum, Suhail M.A. Altreki ressaq rikors ieħor fejn talab lil din il-Qorti tal-Appell tawtorizzah jippreżenta żewġ dokumenti ġodda sabiex dawn jagħmlu parti mill-atti u jinqraw flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, liema talba ntlaqgħet b'digriet mogħti fl-10 ta' Novembru, 2023. Dawn iż-

żewġ dokumenti jikkonsistu: (i) f'*note verbale* mibgħuta mill-Ambaxxata tal-Libja f'Malta lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej fis-16 ta' Mejju, 2023 fejn dan tal-aħħar ġie mgħarraf li b'effett minn dakinhar Suhail Altreki kien ħa post Saadun Suayeh bħala l-Ambaxxatur tal-Libja f'Malta; u (ii) affidavit ta' Saadun Suayeh fejn dan stqarr li l-kariga tiegħu bħala Ambaxxatur tal-Libja f'Malta ntemmet fis-16 ta' Mejju, 2023 u li sakemm huwa dam fil-kariga tiegħu huwa ma rċieva ebda avviż li ġie ppreżentat kontrih fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta mill-attur *nomine*.

12. L-attur *nomine* wieġeb għal dan l-appell fil-25 ta' Ottubru, 2023 u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell tal-konvenut *nomine* għandu jiġi miċħud.

13. Inżamm smigħ fil-15 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Iż-żewġ aggravji tal-appellant iduru man-notifika tal-avviż li ġie ppreżentat mill-attur *nomine* fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, u li ntbagħat mir-Reġistratur tal-istess Ċentru lil Saadun Suayeh bħala l-Ambaxxatur tal-Libja f'Malta. Huwa jisħaq li meta saret din in-notifika permezz ta' *note verbale* mibgħut mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u

l-Kummerċ lill-Ambaxxata tal-Libja f'Malta fid-19 ta' Ġunju, 2023, Saadun Suayeh ma kienx għadu jservi bħala Ambaxxatur tal-Libja f'Malta. L-appellant għalhekk isostni li ladarba fil-jum li saret din in-notifika, l-istess Saadun Suayeh ma kien għad fadallu ebda rabta mal-Ambaxxata tal-Libja f'Malta u lanqas kellu xi kariga mal-Istat tal-Libja, in-notifika li saret lilu bħala Ambaxxatur tal-Libja f'Malta mhijiex waħda siewja.

15. L-appellant jissokta jgħid li l-Istat tal-Libja mhuwiex residenti jew xort'oħra preżenti f'Malta u għalhekk, skont ir-**Regolament 55(2) tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)**, kellu jiġi notifikat bl-avviż tal-attur *nomine* xi rappreżentant tal-Libja f'Malta jew xi persuna oħra li kellha xi rabta mal-Libja. Huwa jtenni li ladarba Saadun Suayeh ma ppreżentax it-tweġiba tiegħu fiż-żmien mogħti lilu, skont ir-**Regolament 55(4) tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)**, dan ma setax jitqies bħala rappreżentant tal-Libja u f'dik iċ-ċirkostanza l-attur *nomine* kellu jitlob lill-Qorti biex tappunta kuratur *ad litem* għall-Istat tal-Libja. Madankollu, minn dan ma sar xejn, bl-appellant jisħaq li dan in-nuqqas huwa fatali biex il-proċedura ta' notifika mħaddma miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta titqies bħala siewja.

16. Dan kollu meqjus, din il-Qorti jkollha tistqarr li bit-tqanqil ta' dawn l-ilmenti l-appellant qiegħed sempliċement jipprova jgħatti x-xemx bl-għarbiel. Minn qari tal-atti jirriżulta li l-Ambaxxata tal-Libja f'Malta laqgħet

in-notifika tal-avviż ippreżentat mill-attur *nomine* darbtejn: (i) darba permezz tal-posta reġistrata fit-22 ta' Frar, 2023; u (ii) darb'oħra permezz ta' *note verbale* mibgħut mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ fid-19 ta' Ġunju, 2023.

17. Huwa minnu li l-ewwel notifika, jiġifieri dik li ntbagħtet bil-posta reġistrata, ma tistax titqies bħala valida. Dan sewwasew għaliex minn qari tal-**Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Vienna dwar Relazzjonijiet Diplomatiċi**, iffirmata fl-1961, wieħed jifhem li atti ġudizzjarji ma jistgħux jiġu nnotifikati fuq missjoni diplomatika f'pajjiż barrani, bħalma hija Ambaxxata, permezz ta' posta reġistrata. Tassew, notifika bħal din tista' ssir biss bl-intervent tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' dak il-pajjiż fejn tkun tinsab il-missjoni diplomatika (ara x'jgħid **James Crawford** fil-ktieb tiegħu ***Brownlie's Principles of Public International Law***, mitbugħ minn Oxford University Press fl-2012, f'paġna 403).

18. Madankollu, mhux l-istess jingħad dwar it-tieni notifika bin-*note verbale* li saret fid-19 ta' Ġunju, 2023.

19. Ibda biex, l-**Artikolu 16(1) tal-Att dwar l-Arbitraġġ** jipprovdi li:

> *«kull avviż, inklużi notifikazzjoni, komunika jew proposta, għandhom jitqiesu li jkunu ġew riċevuti jekk dawn ikunu persunalment twasslu għand min kienu indirizzati jew jekk ikunu twasslu fl-indirizz fejn soltu joqgħod, fond kummerċjali jew indirizz postali, jew, jekk ebda wieħed minn dawn ma jkun jista' jinstab wara li jkun sar stħarriġ raġonevoli, fl-aħħar indirizz residenzjali jew kummerċjali magħruf. L-avviż jitqies li jkun ġie riċevut fil-jum meta jkun hekk twassal:*

> *Iżda ċ-Ċentru jista', permezz ta' regoli li jsiru taħt dan l-Att, jipprovdi għal modi oħra ta' notifika u jagħmel provvedimenti dwar meta għandu jitqies li tkun saret in-notifika.»*

20. Hekk ukoll, minbarra l-mod ta' notifika fl-artikolu hawn fuq imsemmi, ir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta jista' jinnotifika kull avviż, notifika, komunikazzjoni jew proposta lill-partijiet jew lit-tribunal tal-arbitraġġ bil-posta reġistrata lil xi wieħed mill-indirizzi tal-persuna li għandha tiġi notifikata (ara r-**Regolament 20(1) tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)**.

21. F'dan il-każ, m'għandux ikun hemm dubju li l-Istat Libjan irċieva n-notifika tal-avviż ippreżentat mill-attur *nomine* permezz ta' *note verbale* mibgħut mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ fl-indirizz fejn tinsab l-Ambaxxata tiegħu, kif meħtieġ kemm fil-**Konvenzjoni ta' Vienna dwar Relazzjonijiet Diplomatiċi** u kif ukoll fl-**Artikolu 16(1) tal-Att dwar l-Arbitraġġ**. Dan huwa kkonfermat kemm mill-irċevuta ffirmata minn uffiċjal tal-Ambaxxata Libjana fid-19 ta' Ġunju, 2023 u kif ukoll minn ittra elettronika mibgħuta mill-Ministeru hawn fuq imsemmi lir-Reġistratur taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fil-21 ta' Ġunju, 2023.

22. Il-fatt waħdu li fid-19 ta' Ġunju, 2023, kien laħaq sar Ambaxxatur tal-Libja ieħor għal Malta flok dak li hemm imniżżel fl-avviż ma jnaqqas xejn mis-siwi tan-notifika ta' dan l-avviż. L-avviż inkwistjoni laqgħetu l-

Ambaxxata Libjana, li għandha r-rappreżentanza tal-Istat Libjan f'Malta u b'hekk huwa ċar li dan ġie nnotifikat f'dak l-indirizz fejn l-Istat tal-Libja għandu l-proprjetà tiegħu hawn Malta. L-Istat Libjan huwa preżenti f'Malta permezz tal-Ambaxxata tiegħu li sservi bħala missjoni diplomatika f'Malta, u ladarba dan huwa hekk, ir-**Regolament 55(4) tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ (Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01)** ma jsib ebda applikazzjoni f'dan il-każ.

23. Fid-dawl ta' dan, l-appellant mhux siewi meta jgħid li l-Istat Libjan ma ġiex notifikat kif suppost bl-avviż ippreżentat mill-attur *nomine* fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta. Għalhekk, iż-żewġ aggravji tiegħu qegħdin jiġu miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' Suhail M. A. Altreki *nomine*, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da